MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 89/2023 LM

**Altllas Mamdouh**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni; u L-Aġenzija Identity Malta**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Altllas Mamdouh** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fl-14 ta' Settembru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fejn ċaħad l-appell tar-rikorrent u kkonferma d-deċiżjoni tal-intimati d-**Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-**

**Espatrijazzjoni** u l-**Aġenzija Identity Malta** [hawnhekk 'l-appellati'] tat-22 ta' Novembru, 2022.

## Fatti

2. Permezz tal-appell li ressaq quddiem il-Bord, r-rikorrent spjega li huwa twieled is-Sirja fl-1 ta' Jannar, 1984. Qal li fit-22 ta' Novembru, 2022 huwa ġie mgħarraf mill-intimata Aġenzija Identity Malta li l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta' minuri li huma ċittadini Maltin, ġiet miċħuda. Ir-raġuni mogħtija mill-intimata Aġenzija Identity Malta għal dan ir-rifjut, kienet ir-rakkomandazzjoni negattiva tal-Pulizija ta' Malta, li tgħid li r-rikorrent għandu jitqies li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u għall-*public policy*. Ir-rikorrent spjega li huwa wasal Malta fl-2005, u fit-2 ta' Mejju, 2010 huwa żżewweġ ċittadina Maltija, u ngħata d-dritt li jibqa' jgħix f'Malta abbażi tal-artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Spjega li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal minuri, Amir u Yasmine. Qal li huwa kellu permess ta' residenza li kien jgħid li huwa *'persuna eżenti – membru tal-familja'* b'rimarka addizzjonali li tgħid li huwa *'m'għandux bżonn liċenzja ta' impjieg biex jaħdem jew awtorizzazzjoni biex jirrisjedi f'Malta'*. Dan il-permess baqa' jiġġedded sas-sena 2019. Ir-rikorrent spjega li fis-27 ta' Frar, 2020 huwa talab għal tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu. Spjega li fit-3 ta' Frar, 2022 huwa ssepara minn ma' martu, u għalhekk ma baqax igawdi d-dritt tal-moviment ħieles *ai termini* tal-artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li kien għalhekk li fit-27 ta' Frar, 2022 huwa ppreżenta applikazzjoni lil Identity Malta għal permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta' ċittadini Maltin. Qal li fit-23 ta' Marzu, 2022, Identity Malta infurmatu li "*Residence*

*Documentation Application – Form O submission has been set to be approved",* u permezz ta' *email* tal-1 ta' Ġunju, 2022 huwa ġie mgħarraf li fis-6 ta' Ġunju, 2022 kellu jmur fl-uffiċċju ta' Identity Malta sabiex jittieħdu l-bijometriċi tiegħu. Ir-rikorrent qal li fis-6 ta' Ġunju, 2022 inħariġlu permess proviżorju, li kien validu sas-6 ta' Diċembru, 2022, iżda d-dokument ta' residenza kien għadu ma nħariġx, u għalhekk ir-rikorrent talab li l-permess proviżorju li ngħata jiġġedded għal żmien ulterjuri. Fil-fatt dan il-permess proviżorju ġie mġedded sal-31 ta' Jannar, 2023. Ir-rikorrent spjega li bejn il-25 ta' Lulju, 2022 u s-17 ta' Novembru, 2022, huwa għamel diversi talbiet sabiex isegwi l-proċess tal-applikazzjoni għal dokument ta' residenza, iżda fit-22 ta' Novembru, 2022 huwa ġie mgħarraf li waqt il-proċess ta' *due diligence* li sar minn Identity Malta, kien hemm rakkomandazzjoni negattiva mill-Pulizija ta' Malta, li tgħid li l-applikant huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u għall-*public policy*.

3. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, għaliex l-intimat Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni, li eżamina l-applikazzjoni tiegħu taħt il-prinċipji ġenerali tal-leġislazzjoni tal-immigrazzjoni, filwaqt li indika li kien hemm rakkomandazzjoni fin-negattiv, baqa' ma tax raġunijiet konkreti u sodisfaċenti għalfejn kien hemm dan it-tħassib li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u għall-*public policy*. Qal li huwa kellu jiġi infurmat bir-raġunijiet li wasslu għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu *ai termini* tal-artikolu 10(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.04. Ir-rikorrent qal li r-Regolamenti tal-Immigrazzjoni jobbligaw lid-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni jispjega x'inhuma r-raġunijiet ta' *policy* pubblika u ta' sigurtà pubblika li abbażi tagħhom ittieħdet id-deċiżjoni li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata. Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa ċittadin ta' pajjiż terz,

huwa wkoll missier ta' żewġ ċittadini Maltin, li magħhom għandu rabta b'saħħitha. Qal li skont il-kuntratt tas-separazzjoni minn ma' martu, hemm qbil li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata lill-ġenituri b'mod konġunt, minkejja li uliedu minuri għadhom jgħixu fir-residenza tal-omm. Qal ukoll li permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, huwa obbligat iħallas manteniment fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar lil martu għall-manteniment tal-ulied. Ir-rikorrent qal li għandu jirriżulta wkoll li huwa azzjonist u direttur tas-soċjetà Amir Limited. Ir-rikorrent qal li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu hija nieqsa mill-proporzjonalità, u l-kondotta personali tiegħu ma ġietx meqjusa. Qal li għalhekk huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni huwa qiegħed jitqies li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika ta' Malta. Huwa staqsa għal liema raġuni, jekk il-Pulizija ta' Malta qiegħda tikkonsidrah li huwa ta' theddida għall-*policy* pubblika u għas-sigurtà pubblika, għadhom ma ttieħdu l-ebda passi kontra tiegħu. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja taċ-ċertifikat tal-kondotta tiegħu sabiex juri li huwa persuna ta' kondotta tajba.

4. L-intimata Identity Malta kkonfermat li hija ħarġet l-ittra ta' rifjut fit-22 ta' Novembru, 2022, fejn l-applikazzjoni tar-rikorrent għal permess ta' residenza temporanja ġiet miċħuda abbażi tal-*policy* pubblika u tas-sigurtà pubblika. Qalet li fil-proċess tad-*due diligence* li sar minnha, ġew ikkunsidrati ir-rakkomandazzjonijiet li għamlu diversi *stakeholders,* minn fejn irriżulta li l-applikazzjoni tar-rikorrent ma ġietx rakkomandata għall-approvazzjoni. L-intimata Identity Malta spjegat li hija tagħmel proċess ta' diliġenza xierqa fir-rigward ta' kull applikazzjoni li tiġi sottomessa, u l-ittra ta' rifjut nħarġet biss wara li hija qieset li l-kriterji stabbiliti fil-leġislazzjoni u fil-*policies* rilevanti, ma kienux ġew sodisfatti.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Settembru, 2023, il-Bord irrifjuta l-appell tar-rikorrenti wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal from a decision issued by Identity Malta on the 22nd of November, 2022, wherein Identity Malta rejected appellants' request to renew and be granted a temporary residence permit on the basis of parent of a Maltese citizen, namely his children. Appellants' application was rejected on the basis of appellant being a threat to public policy and public security.*
>
> *Appellant appealed said decision and filed his appeal on the 25th of November, 2022. Appeal was filed within the time frame permitted.*
>
> *The Chief Executive Officer of Identity Malta presented his reply requesting this Board to uphold decision taken by Identity Malta.*
>
> *The Immigration Appeals Board will examine appellant's appeal in terms of law and consider appellant's plea wherein this Board is being requested to uphold this appeal and to revoke Identity Malta's decision.*
>
> *Various board sittings were held, documents presented and during the last sitting held, Board was authorised to proceed to give judgment.*
>
> ***Facts of the case***
>
> *Appellant is a Syrian national and was served with a refusal on the grounds of public policy and public security. Appellant arrived in Malta way back in the year 2005 and in the year 2010 appellant married a Maltese citizen. From their marriage two children were born. In the year 2022, appellant and his wife legally separated. Given that under article 4(1)(g) of Chapter 217 of the Laws of Malta, appellant ceased to enjoy the right of free movement, appellant filed an application for a residence permit on the basis of a parent of a Maltese citizen. On the 22nd of November, 2022 said application was rejected.*
>
> *Appellant felt aggrieved by said rejection and filed an appeal quoting Article10(4) of S.L. 217.04 which states that* "where an application is refused, the person concerned shall, unless this is contrary to the interests of the security of Malta, be informed of the grounds of public policy, public security, or public health upon which the decision taken in his case is based."

*The appellant cites judgement in the names* ***Fabio Vespa vs Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati*** *which explained what constitutes public policy and public security.*

*During hearings held, Superintendent Louise Calleja testified and stated that after carrying out their due diligence negative recommendations were received. Superintendent George Cremona from the Counter Terrorism Unit who was also summoned to testify stated that they have enough intelligence which mitigates* [recte: militates] *against the appellant and this in regard to public safety. Information was received from foreign intelligence. Both witnesses could not divulge the intelligence in hand but emphasised that the non-recommendation issued was issued on strict grounds of public safety.*

*During the course of the hearing of this appeal a representative from Identity Malta testified that refusal was issued to appellant following a non-recommendation by Malta's Secret Service.*

***Definition of public policy***

*According to Directive 2004/38/EC, a person benefiting from the Community Right of free movement may only be refused entry or stay on grounds of public policy or public security when their personal conduct represents a genuine immediate, and sufficiently serious threat affecting one of the fundamental interests of society and when the other criteria laid down in Article 27(2) of this Directive are respected. Article 27(2) stipulates: "*measures taken on grounds of public policy or public security shall comply with the principle of proportionality and shall be based exclusively on the personal conduct of the individual concerned."

*Public policy is the means by which a government maintains order or addresses the needs of its citizens through actions defined by its constitution. If this definition sounds vague or confusing, it's likely because a public policy is generally not a tangible thing but rather a term used to describe a collection of laws, mandates, or regulations established through a political process.*

***Considerations***

*The Immigration Appeals Board refers to judgment in the names,* ***Madha M.A. Abunada (K.I. 82608A u Refcom no. 23465/18) vs Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, Identity Malta, u l-Avukat Ġenerali*** *(fn. 1 Rikors Ġuramentat nru: 1150/2018 MH mogħtija fis-27 ta' Marzu, 2023)****,*** *fejn il-Prim'Awla tal-Qorti għamlet referenza għal kawża oħra fl-ismijiet* ***Mark Formosa v. Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Kummissjoni għas-Servizz***

***Pubbliku**, deċiża fl-20 ta' Lulju, 2020 fejn il-Qorti Kostituzzjonali affermat hekk:* "L-ugwaljanza tal-armi hija element fundamentali fil-kunċett ta' smigħ xieraq u tirrikjedi li jkun hemm bilanċ ġust ("fair balance") bejn il-partijiet, u ċioe illi l-partijiet jingħataw opportunità raġonevoli u sostanzjalment komparabbli illi jippreżentaw il-pożizzjoni tagħhom quddiem il-qorti taħt kundizzjonijiet li ma jpoġġuhomx fi żvantaġġ sostanzjali vis-à-vis l-parti l-oħra. Illi huwa rikonoxxut li d-drittijiet derivanti minn dan il-kunċett mhumiex assoluti u minn studju tal-ġurisprudenza fuq il-materja jirriżulta illi l-Istat għandu ċertu marġini ta' apprezzazzjoni [sic!] sabiex jillimita dan id-dritt fejn dan ikun neċessarju sabiex tingħata preċedenza lil xi interess nazzjonali superjuri. Dak li huwa essenzjali huwa li ċ-ċittadin ma jitpoġġiex f'pożizzjoni manifestament żvantaġġjata fil-konfront tal-parti Statali."

*Reference is also being made to judgment in the names **Regner vs The Czech Republic** decided on the 19th of September, 2017 whereby the European Court stated,* - "The Court reiterates that the adversarial principle and the principle of equality of arms, which are closely linked, are fundamental components of the concept of a "fair hearing" within the meaning of Article 6 §1 of the Convention. They require a "fair balance" between the parties: each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent or opponents (see Avotinš v. Latvia [GC], no. 17502/07, § 119 and other references, ECHR 2016). 147. However, the rights deriving from these principles are not absolute. The Court has already ruled, in a number of judgments, on the particular case in which precedence is given to superior national interests when denying a party fully adversarial proceedings (Miryana Petrova, cited above, §§ 39-40, and Ternovskis, cited above, §§ 65-68). The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in this area. The Court reiterates, moreover, that the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right either. In criminal cases it has found that there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses at risk of reprisals or keep secret police methods of investigation of crime, which must be weighed against the rights of the party to the proceedings.

*There is no doubt that Article 3(2), 4(2) (a), (3) u (4) of Chapter 391, Security Service Act of the Laws of Malta provides clear limitations when it comes to divulging information and documentation which may be produced by the Head of the Security Service. Such are also confirmed by the Code of Organisation and Civil Procedure.*

***<u>Decide</u>***

*Reference to the considerations above, judgments cited, Articles 3(2), 4(2)(a), (3) and (4) of Chapter 391 of the Laws of Malta and in particular to evidence given by the two*

*high ranking officials from the Executive Police of Malta which evidence cannot be ignored, the Immigration Appeals Board rejects the appeal."*

## L-Appell

6. Ir-rikorrent ressaq appell mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell datat l-20 ta' Settembru, 2023, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar id-deċiżjoni appellata, u tilqa' t-talbiet tiegħu kif premess minnu fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord.

7. L-appellant spjega li dawn il-proċeduri jikkonċernaw rifjut ta' applikazzjoni mressqa minnu fis-27 ta' Frar, 2020 quddiem l-appellata Identity Malta sabiex jikseb permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta' minuri ċittadini Maltin. Qal li fit-22 ta' Novembru, 2022, jiġifieri wara madwar sentejn u disa' xhur minn meta huwa ssottometta l-applikazzjoni tiegħu, l-Identity Malta ċaħdet din l-applikazzjoni, u dan minkejja li pendenti l-eżitu tad-deċiżjoni finali tagħha, l-appellata estendiet għal diversi drabi l-permess temporanju tal-appellant, u qatt ma ssemma li kien hemm xi indikazzjoni li l-appellant kien ta' theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika.

8. L-appellant spjega li fit-2 ta' Mejju, 2010, huwa żżewweġ ċittadina Maltija, u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, Amir u Yasmine aħwa Mamdouh, li huma ċittadini Maltin. Qal li fis-26 ta' Jannar, 2022, huwa nfired minn ma' martu, iżda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri baqgħu miżmuma b'mod konġunt bejn il-ġenituri. Qal li l-appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord huma regolati bl-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 4A tat-Tielet Taqsima jipprovdi għal tliet kategoriji ta' persuni li jistgħu jintavolaw

appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord. Qal li hu jikklassifika bħala *'dipendent ta' ċittadin ta' Stat Membru'*, u minkejja li l-liġi ma tipprovdi l-ebda tifsira għat-terminu *'dipendent'*, huwa jista' jitqies li jaqa' taħt il-kategorija (d) ta' din it-tifsira, jiġifieri *'kull membru ieħor tal-familja li jista' jiġi preskritt mill-Ministru'.* Hawnhekk l-appellant għamel riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Gerardo Ruiz Zambrano *v.* Office nationale de l'emploi**[1], u silet minn din id-deċiżjoni paraguni maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. L-appellant qal li r-rifjut tar-residenza minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, lil persuna ċittadina ta' pajjiż terz, fejn uliedha minuri huma residenti, u fejn dawn l-ulied huma ċittadini tal-istess Stat Membru u huma dipendenti fuq din il-persuna, kif ukoll ir-rifjut ta' permess tax-xogħol lil din il-persuna, imur kontra r-regoli stabbiliti fit-Trattati. Qal ukoll li għandu jiġi kkunsidrat li tali rifjut ta' residenza jista' jkollu l-konsegwenza li ulied din il-persuna, li huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jiġu obbligati jitilqu mit-territorju tal-Unjoni Ewropea sabiex jakkumpanjaw lill-ġenituri tagħhom 'il barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Żied jgħid li f'każ li tali persuna ma tingħatax permess ta' xogħol, din tkun qiegħda tissogra li ma jkollhiex riżorsi neċessarji sabiex tipprovdi għall-ħtiġijiet tagħha u ta' uliedha, bil-konsegwenza li minħabba f'hekk uliedha jkollhom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

9. L-appellant saħaq li ladarba uliedu minuri, li huwa fdat bil-kura u l-kustodja konġunta tagħhom, huma t-tnejn ċittadini Maltin, u ċittadini tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jitqies li huwa dipendenti fuq uliedu, tenut kont tal-i*status* tagħhom. Qal li għal din ir-raġuni l-applikazzjoni tiegħu ta' residenza

[1] C-34/09, 08.03.2011.

dejjem kienet proviżorjament approvata. Qal ukoll li jekk din il-Qorti tiddikjara li hu m'għandux dritt jappella, minkejja r-riskju li jiġi deportat lejn is-Sirja, se jkunu l-ulied minuri li ser ibatu l-konsegwenzi ta' tali deċiżjoni.

10. Fl-ewwel aggravju tal-appell tiegħu, l-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa minn motivazzjoni xierqa. Qal li l-Bord adotta kliem ġeneriku sabiex iċaħħdu mill-jeddijiet tiegħu. Qal li minn ħarsa ħafifa lejn il-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata, għandu jirriżulta li l-Bord għamel riferiment għal xi sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u sussegwentement irrefera għal numru ta' disposizzjonijiet tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta, iġifieri l-Att dwar is-Servizzi Sigrieti. Qal li huwa ma jistax jifhem kif dan kollu japplika għall-każ odjern, meta d-deċiżjoni appellata ma elaboratx dwar dan.

11. L-appellant sostna li l-Bord kellu l-obbligu li jivverifika x'inhuma l-oġġezzjonijiet dwar *policy* pubblika u sigurtà pubblika li abbażi tagħhom l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda. Qal li minflok, il-Bord straħ fuq ix-xhieda tas-Superintendent Louise Calleja mill-Korp tal-Pulizija u tas-Superintendent George Cremona mill-Unit ta' Kontra t-Terroriżmu, li t-tnejn qalu li għandhom intelliġenza li timmilita kontra l-appellant, iżda ma ntqal xejn iżjed. Qal li għalhekk huwa ma jafx x'inhi din l-intelliġenza li timmilita kontra tiegħu. Huwa żied jgħid li minkejja li għaddew tliet snin minn meta applika għall-permess ta' residenza, u minkejja li interpona appell quddiem il-Bord, huwa baqa' fejn kien. Qal ukoll li huwa mhux talli baqa' mingħajr rimedju, talli ġie mgħobbi b'aktar mistoqsijiet, għaliex huwa għadu sallum ma jafx għal liema raġuni qiegħed

jitqies bħala persuna ta' theddida għas-sigurtà pubblika u għall-*policy* pubblika, meta l-kondotta tal-Pulizija tiegħu hija waħda netta.

12. L-appellant kompla jgħid li agħar minn hekk, il-Bord naqas milli jitlob kjarifika, approfondiment jew provi oħra dwar allegazzjonijiet tant serji, u qabad u aċċettahom daqslikieku kienu ben fatt, liema sitwazzjoni l-appellant saħaq li ma tawgurax tajjeb għall-perkors tal-ġustizzja. L-appellant qal li l-liġi u l-ġurisprudenza t-tnejn jgħallmu li l-għoti ta' raġunijiet huwa prinċipju marbut b'mod inseparabbli mal-ġustizzja naturali u mad-dritt għal smigħ xieraq. Qal li tali prinċipju huwa wieħed li jorbot ma' liġi pubblika, u huwa intiż għas-sodisfazzjon tal-partijiet.

13. It-tieni aggravju tal-appellant huwa bbażat fuq il-prinċipju li min jallega jrid jipprova. Qal li r-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata, hija li kien hemm rakkomandazzjoni negattiva dwaru mill-Pulizija, u huwa intavola appell quddiem il-Bord, fejn stenna li jkun hemm spjega dwar ir-raġunijiet għalfejn huwa meqjus bħala theddida għall-*policy* pubblika u għas-sigurtà pubblika. Qal li huwa xtaq li jingħataw dawn ir-raġunijiet kemm sabiex il-Bord ikollu l-verità adegwatament ippruvata, kif ukoll sabiex l-appellant innifsu jifhem x'inhu li qiegħed jiġi allegat kontrih. Qal ukoll li fl-atti proċesswali ma ġewx inseriti t-traskrizzjonijiet tax-xhieda tas-Superintendenti Louise Calleja u George Cremona, iżda ġie prodott biss sommarju ta' din ix-xhieda, bil-konsegwenza li diversi dikjarazzjonijiet u fatti li ngħataw ġew ommessi għad-detriment tal-ġustizzja u tal-appellant. Qal li ġie ppruvat li huwa persuna ta' kondotta netta, u għalhekk l-istqarrija li saret minn Identity Malta ma tirriżultax ippruvata mill-atti proċeswali. Qal ukoll li kienet Identity Malta li kellha l-oneru

tal-prova li tiġġustifika u tipprova l-każ tagħha, u mhux hu kellu l-oneru li jipprova bil-kontra.

14. L-appellant qal li l-preżenza ta' persuna f'pajjiżna li tista' tammonta għal theddida għas-sigurtà tal-Istat, għandha tingħata l-piż li jixirqilha u m'għandhiex tittieħed b'leġġerezza, u ċċita dak li qal is-Superintendent George Cremona fix-xhieda tiegħu, jiġifieri, *"li kieku kien għalija, jiena diġà dabbartlu rasu 'l barra"*, liema stqarrija l-appellant qal li la ġiet traskritta, u lanqas biss hemm riferiment għaliha fis-sommarju li sar mill-Bord. L-appellant qal li l-oneru tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah, u dan huwa obbligat li jġib l-aħjar prova. Qal li fil-fehma tiegħu Identity Malta naqset li tipprova dak li qiegħda tallega, u li din straħet fuq ix-xhieda tas-Superintendenti Calleja u Cremona li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiemha, għas-sempliċi raġuni li x-xhieda tagħhom ma tistax tiġi injorata għaliex huma membri għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. L-appellant staqsa għal liema raġuni, ladarba l-Pulizija għandha din l-intelliġenza dwaru, għadhom ma ħadux passi kontra tiegħu kif titlob il-liġi.

15. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord naqas li jieħu konsiderazzjoni ta' fatturi oħra qabel għadda biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Semma kif il-Bord ma ħa l-ebda pożizzjoni dwar jekk huwa jissodisfax il-kriterji għall-ħruġ ta' permess residenzjali *ai termini* tal-artikolu 7 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, liema permess residenzjali kien il-pern tal-proċeduri quddiem il-Bord. Qal li l-Bord naqas ukoll milli jikkonsidra ċ-ċertifikati tat-twelid ta' uliedu minuri, u l-klawsoli rilevanti fil-kuntratt ta' separazzjoni dwar l-istess minuri, li għandhom jitqiesu bħala l-aqwa prova fir-rigward tal-ħruġ ta' permess ta' residenza bħala ġenitur ta' ċittadini Maltin. Qal li l-Bord baqa' kompletament

sieket dwar dan, u dwar fatturi oħra relatati mal-pożizzjoni tiegħu, fosthom il-fatt li huwa ilu jgħix Malta għal aktar minn tmintax-il sena, huwa ġenitur ta' żewġ ċittadini Maltin li għandhom ħajjthom stabbilita f'Malta, u jħallas it-taxxi u għandu wkoll proprjetà ġewwa Malta. Qal li d-deċiżjoni tal-Bord ser twassal biex huwa jkun imċaħħad mit-tgawdija tal-familja tiegħu. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellata naqset milli tikkonsidra diversi aspetti fattwali marbuta mal-applikazzjoni tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. Fir-risposta tagħhom l-appellati eċċepew li r-rikors tal-appell tal-appellant huwa null u inammissibbli għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qalu li l-appellant mhuwiex persuna msemmija fit-Taqsima III ladarba mhux ċittadin ta' Stat Membru jew dipendenti tiegħu, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. L-appellati qalu li mhux minnu li l-appellant għandu jitqies bħala *'dipendent'* ta' ċittadini ta' Stat Membru, in vista tal-fatt li huwa għandu ulied minuri li huma ċittadini Maltin, u dan għaliex il-kelma *'dipendent'* tirreferi għal persuni li huma dipendenti fuq il-persuna l-oħra. Qalu li minkejja li l-appellant jagħmel riferiment għat-tifsira ta' *'dipendent'* fil-Kap. 217, dan jonqos isemmi li s-sub-inċiż 2(ċ) tal-istess Kap. 217 jipprovdi speċifikament li fil-każ ta' ġenituri ta' persuna, dawn jitqiesu bħala dipendenti, u għandhom jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li huma mantenuti għal kollox minn dik il-persuna. Qalu li s-sub-inċiż (d) iċċitat mill-appellant, fl-ewwel

lok jinkorpora fih *'kull membru ieħor tal-familja',* u b'hekk jeskludi l-ġenituri msemmija fis-sub-inċiż (ċ), u fit-tieni lok jirrikjedi lpreskrizzjoni tal-Ministru. L-appellati qalu wkoll li l-appellant mhuwiex jinsisti li huwa qiegħed f'Malta b'mod leġittimu, jew li huwa għandu jiġi kkunsidrat bħala residenti f'Malta b'mod leġittimu wara d-data tad-deċiżjoni ta' Identity Malta. Qalu li għalhekk għandu jirriżulta b'mod ċar li l-appellant mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru jew dipendent ta' ċittadin Malti, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera, u b'hekk l-appell tiegħu għandu jitqies li huwa null u inammissibbli.

17. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'riferiment speċifiku għall-aggravji mressqa mill-appellant, l-appellati qalu li d-deċiżjoni appellata hija dettaljata u raġunata, u tagħmel riferiment għal provi u s-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet, kif ukoll għall-artikoli rilevanti tal-liġi Maltija u tad-Direttiva 2004/38/KE, li jispjegaw kif il-Bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Qalu li mhux minnu li l-Bord naqas li jivverifika x'inhuma l-*grounds of public policy* u *public security* li jippreokkupaw lill-appellati, u li l-Bord deherlu, wara li sema' x-xhieda, li kien konvint mill-prova li l-appellat kien ta' periklu għas-sigurtà pubblika. Qalu li biex il-Bord ikun konvint ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tiġi żvelata l-intelliġenza sigrieta tas-Servizz ta' Sigurtà f'Malta, iżda huwa ċar li l-appellant fehem għal liema raġuni l-Bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellati qalu li l-Bord spjega fid-dettall ir-raġuni għalfejn kien konvint min-*non-recommendation* tal-MSS, mingħajr il-ħtieġa li din ir-raġuni jew intelliġenza tiġi żvelata, u qalu li mix-xhieda ħareġ ċar li l-intelliġenza hija tal-MSS u li l-informazzjoni waslet minn intelliġenza barranija, u n-non-rakkomandazzjoni ngħatat għal raġunijiet stretti ta' sigurtà pubblika.

18. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li dan huwa wieħed inammissibbli, għaliex qiegħed jistieden lil din il-Qorti tiftaħ mill-ġdid l-apprezzament tal-provi. Qalu li wara li l-Bord għarbel il-fatti li kellu quddiemu, dan kien konvint li l-allegazzjonijiet tal-appellati ġew ippruvati, u ma jistax isir eżami dwar jekk il-provi tal-appellati kellhomx valur probatorju ogħla minn dawk tal-appellant, mingħajr ma l-Qorti terġa' teżamina l-mertu hija stess. L-appellati qalu li huwa ben stabbilit li appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Qalu li minkejja li l-appellant sostna li ma ġewx inseriti fl-atti proċesswali t-traskrizzjonijiet tax-xhieda tas-Superintendenti Calleja u Cremona, u ġie inserit biss sommarju ta' din ix-xhieda, dan ma jfissirx li l-Bord ma kkunsidrax il-provi fl-intier tagħhom. Qalu li l-Bord spjega li kien konvint mill-provi prodotti u li l-allegazzjonijiet ta' Identity Malta ġew ippruvati. Qalu wkoll li x-xhieda ġiet irreġistrata u jekk l-appellant xtaq li jkollu kopja tat-traskrizzjoni, seta' jagħmel talba f'dan is-sens, iżda l-appellant m'għamel l-ebda talba bħal din. L-appellati qalu li l-Bord huwa tenut jirregola l-proċedura tiegħu stess, u m'hemm l-ebda obbligu għall-Bord li jittraskrivi x-xhieda. Qalu wkoll li l-fatt li l-appellant jgħid li għandu kondotta tal-pulizija nadifa, ma jfissirx li huwa ma jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà pubblika. L-appellati qalu illi li kieku d-deċiżjoni tagħhom kellha tistrieħ fuq il-kondotta ta' persuna, dan ikun ifisser li x-xogħol preventiv tal-awtoritajiet jiġi skartat, u l-kondotta mhux neċessarjament tkun tinkludi l-passat kriminali ta' persuna. L-appellati qalu wkoll li huma ma jidħlux fil-mansjoni tal-poteri tal-Pulizija, u meta dawn għandhom jaġixxu kontra xi ħadd, u l-fatt li għadhom ma ttieħdu l-ebda passi fil-konfront tal-appellat, ma jfissirx li m'hemmx intelliġenza biżżejjed dwaru.

19. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li l-appellant donnu stenna li l-Bord, wara li kkonkluda li l-appellata Identity Malta kellha raġun tikkontendi li l-appellant m'għandux jingħata permess ta' residenza għaliex huwa ta' periklu għas-sigurtà pubblika, kellu bħal donnu jinsa dan kollu u jikkonsidra biss il-fatt li l-appellant ilu jgħix Malta tmintax-il sena jew li uliedu huma ċittadini Maltin. Qalu li l-Bord apprezza li għalkemm għandu jkun hemm sensittività dwar il-ħruġ o meno ta' permessi bħal dawn, liema sensittività l-Qrati jisħqu ħafna dwarha, din ma tieħux preċedenza fuq is-sejbien ta' periklu għas-sigurtà pubblika in ġenerali, liema periklu huwa suffiċjenti biex jiġi deċiż li persuna għandha titkeċċa mill-pajjiż minkejja r-rabtiet li jkollha miegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellati. Iżda qabel xejn l-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni li tqajmet dwar in-nullità jew l-inammissibilità tar-rikors tal-appell tal-appellant.

21. L-appellant jgħid li huwa għandu dritt iressaq appell mid-deċiżjoni tal-Bord *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, li jipprovdi illi:

> "Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29

> tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw appell bħal dak."

22. Dan ifisser li sabiex persuna tkun tista' tappella minn deċiżjoni tal-Bord, din trid tkun taqa' taħt it-Taqsima III tal-Att, kif regolata mill-artikolu 4A tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Taqsima III tal-Att tipprovdi għal tliet kategoriji ta' persuni, bl-ewwel żewġ kategoriji jirreferu għal ċittadini ta' Stati Membri u d-dipendenti tagħhom, u t-tielet kategorija tinkludi fiha *"kull persuna u d-dipendenti tagħha li, għalkemm ma tkunx persuna msemmija fil-paragrafu (a), tkun leġittimament qiegħda fit-territorju ta' xi stat li jkun marbut bi Ftehim dwar Fruntiera".* Is-sub-inċiż (2) tal-artikolu 4A tal-Kap. 217 imbagħad jgħid li kull dritt mogħti taħt din it-Taqsima jista' jkun suġġett għal dawk il-limitazzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment ġustifikati minħabba fil-politika pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika. Il-Qorti tirrileva li minkejja li fil-preżent l-appellant m'għandu l-ebda permess validu biex jgħix f'Malta, u fil-fatt kien ir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu li wassal għal dawn il-proċeduri, sal-mument li qiegħda tingħata din is-sentenza, ma jistax jingħad li l-appellant ma jinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, għaliex deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tiegħu għadha ma ngħatatx. Fl-atti ma tirriżulta l-ebda prova, għajr għar-rifjut tal-permess li applika għalih l-appellant, li tindika li l-appellant ma wasalx Malta b'mod leġittimu, jew li tul is-snin li huwa ilu jgħix f'Malta, huwa ma kellux il-permessi neċessarji biex jagħmel dan. Għal bosta snin l-appellant kien miżżewweġ ċittadina Maltija, u għalhekk kien f'Malta b'mod leġittimu. Il-Qorti għalhekk qiegħda tikkonsidra dan l-appell bħala wieħed ammissibbli, minkejja li hemm diversi osservazzjonijiet oħra x'jsiru fir-rigward tas-sottomissjonijiet li għamel l-appellant.

23. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, huma ulied l-appellant li għandhom jitqiesu li huma *'dipendenti'* tiegħu, u mhux bil-kontra, kif ipprova jallega l-appellant, ladarba ma jirriżultax li l-appellant huwa mantenut minn uliedu li għadhom minuri. Jirriżulta li d-dipendenti tal-appellant huma ċittadini Maltin, iżda huwa mhuwiex. Il-Qorti tirrileva wkoll li s-sentenza fl-ismijiet **Gerardo Ruiz Zambrano *v.* Office national de l'emploi (ONEm)** mogħtija mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, m'hija tal-ebda rilevanza fil-konsiderazzjonijiet li jridu jsiru dwar jekk l-appell tal-appellant huwiex ammissibbli jew le. Bħala sfond, dik id-deċiżjoni kienet tittratta l-kwistjoni tad-dipendenza tal-ulied minuri tal-familja Zambrano ta' oriġini Kolumbjana, li ngħataw iċ-ċittadinanza Belġjana wara li dawn il-minuri twieldu fil-Belġju u l-ġenituri tagħhom naqsu li jirreġistraw it-twelid tagħhom mal-awtoritajiet tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom. L-awtoritajiet Belġjani taw iċ-ċittadinanza Belġjana lil dawn il-minuri skont ir-regoli nazzjonali ta' dak il-pajjiż. Ruiz Zambrano kien ressaq diversi applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' permess ta' residenza mal-awtoritajiet Belġjani, li kollha ġew rifjutati. Il-*Grand Chamber,* fid-deċiżjoni tiegħu ikkonkluda illi:

> *"Article 20 TFEU is to be interpreted as meaning that it precludes a Member State from refusing a third country national upon whom his minor children, who are European Union citizens, are dependent, a right of residence in the Member State of residence and nationality of those children, and from refusing to grant a work permit to that third country national, in so far as such decisions deprive those children of the genuine enjoyment of the substance of the rights attaching to the status of European Union citizen."*

24. L-appellant imkien fir-rikors tal-appell tiegħu jew fil-proċeduri li saru quddiem il-Bord ma ressaq xi prova li d-drittijiet li jgawdu uliedu bħala ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ser jitnaqqsu jew jiġu mittiefsa f'każ li l-

applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata, u l-argument tiegħu li t-talbiet tiegħu għandhom jintlaqgħu merament għaliex huwa ġenitur ta' ċittadini ta' Stat Membru, mingħajr ebda konsiderazzjoni oħra, ma jreġix. Dan għaliex fil-każ in eżami, minkejja li l-appellant applika għal permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta' ċittadini Maltin, tqajmet il-kwistjoni mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni li hemm raġunijiet ta' sigurtà pubblika li għandhom jiġu kkunsidrati, u li abbażi tagħhom l-applikazzjoni tal-appellant għandha tiġi rifjutata. Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

25. L-appellant jgħid li l-Bord naqas milli jagħti motivazzjoni xierqa għad-deċiżjoni tiegħu, u sostna li l-Bord kellu jivverifika x'oġġezzjonijiet hemm għall-applikazzjoni tiegħu u x'inhi l-intelliġenza barranija li teżisti dwaru. Qal li minkejja li għaddew tliet snin minn meta huwa ssottometta l-applikazzjoni tiegħu, huwa baqa' fejn kien u ma jafx għal liema raġuni l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata. Qal ukoll li huwa ġab prova li kellu kondotta netta u li l-Bord naqas meta ma talabx kjarifiki ulterjuri dwar ir-raġunijiet li wasslu għall-oġġezzjonijiet min-naħa tal-Pulizija fil-konfront tiegħu.

26. Il-Qorti kkunsidrat li l-Bord sema' x-xhieda ta' żewġ Superintendenti Louise Calleja u George Cremona, mill-Korp tal-Pulizija u mill-Unit ta' Kontra t-Terroriżmu rispettivament, li t-tnejn li huma kkonfermaw li kien hemm intelliġenza barranija li tindika li l-appellant huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika, b'wieħed mill-uffiċjali saħansitra jgħid li l-appellant messu ilu li ntbagħat barra mill-pajjiż. Il-Qorti tqis ukoll li hemm regoli stretti dwar l-iżvelar

ta' informazzjoni li tkun fil-pussess tas-Servizzi tas-Sigurtà, u fil-każ in eżami l-Bord ħass li għandu jistrieħ fuq ix-xhieda ta' żewġ supretendenti, li t-tnejn li huma kkonfermaw li hemm raġunijiet serji biżżejjed, u informazzjoni minn intelliġenza barranija li tindika li l-appellant jista' jkun ta' theddida għas-sigurtà pubblika fil-pajjiż, u għalhekk il-permess mitlub minnu għandu jiġi rifjutat.

27. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern l-appellant resaq quddiem il-Bord bit-tama li jingħata rimedju, wara li ilu diversi xhur f'limbu legali dwar l-applikazzjoni tiegħu. Jirriżulta wkoll li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu straħ fuq ix-xhieda ta' żewġ superintendenti, li filwaqt li qalu li għandhom intelliġenza barranija u informazzjoni li abbażi ta' liema l-appellant m'għandux jingħata l-permess mitlub minnu, dawn naqsu milli jelaboraw dwar ir-raġunijiet għal dan. Il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellant huma pjuttost nebolużi, u ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Bord aċċetta s-sottomissjonijiet tal-appellati li jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tal-appellant ser ikun hemm xi theddida għas-sigurtà tal-Istat Malti, għaliex minn imkien ma jirriżulta x'akkużi jeżistu fil-konfront tal-appellant u x'assoċjazzjonijiet jistgħu qegħdin jostakolaw l-applikazzjoni tiegħu.[2] Ċertament li l-allegazzjoni li l-preżenza ta' persuna f'Malta tista' tammonta għal theddida għas-sigurtà pubblika m'għandhiex tittieħed b'leġġerezza, partikolarment għaliex allegazzjoni bħal din sejra taffettwa deċiżjonijiet oħra li jimpinġu fuq il-libertà tal-moviment tal-appellant, il-pjanijiet futuri tiegħu u tad-dipendenti tiegħu, inkluż ta' impjegati li jista' jkun li għandu. Il-Qorti tqis li għalhekk il-Bord kellu jagħmel indaġini aktar profonda dwar ir-raġunijiet għalfejn hemm *non-*

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Zia ul Noor *vs.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni**, App. Inf., 28.10.2020

*recommendation* min-naħa tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u mhux jistrieħ unikament fuq dak li qalu s-Supretendenti Calleja u Cremona, li ma taw ebda dettalji dwar għalfejn l-appellant għandu jitqies bħala theddida għas-sigurtà pubblika u għall-policy pubblika.

28. Il-Qorti tqis għalhekk li l-appellant għandu raġun meta jgħid li d-deċiżjoni tal-Bord mhijiex motivata tajjeb, għaliex mill-mod kif il-Bord wasal għall-konklużjoni tiegħu, għandu jirriżulta li lanqas il-Bord stess ma jaf eżattament x'inhuma r-raġunijiet li wasslu għan-*non-recommendation* tal-applikazzjoni tal-appellant. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tqis li l-ewwel aggravju huwa ġustifikat, u sejra tilqgħu.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

29. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li bħala regola min jallega jrid jipprova, u fil-każ in eżami huwa stenna li jingħata raġunijiet ċari għalfejn huwa qiegħed jitqies li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u/jew għall-politika pubblika. Qal li fl-atti quddiem il-Bord ma hemmx it-traskrizzjoni tax-xhieda tas-Supretendenti Calleja u Cremona li ddeponew quddiemu, u l-Bord injora wkoll il-fatt li l-kondotta tiegħu hija waħda netta. L-appellant qal li l-appellati naqsu milli jippruvaw dak li qegħdin jallegaw, u staqsa għal liema raġuni għadhom ma ttiħdux passi fil-konfront tiegħu, ladarba hemm informazzjoni li tindika li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u/jew għall-politika pubblika.

30. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet **F.S. *v.* Croatia**[3], li għamlet diversi osservazzjonijiet dwar il-ħtieġa li l-individwu kkonċernat jiġi nfurmat bl-elementi fattwali rilevanti *('the relevant factual elements')* li wasslu lill-awtoritajiet sabiex jikkonkludu li huwa jirrappreżenta theddida għas-sigurtà nazzjonali:

"51. *In particular, the Court found that Article 1 § 1 of Protocol No. 7 requires in principle that the aliens concerned be informed of the relevant factual elements which have led the competent domestic authorities to consider that they represent a threat to national security and that they be given access to the content of the documents and the information in the case file on which those authorities relied when deciding on their expulsion (ibid., § 129).*

...

*64. Turning to the counterbalancing factors available under domestic law at the material time, the Court notes that, as submitted by the Government, the applicant was notified by the authorities that proceedings for his expulsion on national security grounds had been initiated (see paragraph 48 above). However, as noted above, he was given none of the factual elements which led the authorities to conclude that he posed a risk to national security (contrast* Muhammad and Muhammad, *cited above §§ 12 and 161, where the applicants had at least been made aware that the concerns about them involved terrorism; and* Poklikayew v. Poland, *no. 1103/16 § § 6 and 66, 22 June, 2023, where the decision notifying the applicant that his continued stay in Poland constituted a threat to national security also noted that he had collaborated with the Belarusian secret services). As he lacked even an outline of the fats which served as a basis for the conclusion that he posed a threat to national security, in the Court's view it cannot be said that he was able to present his case adequately in the subsequent judicial review proceedings (see* Ljatifi v. The former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 19017/16, § 39, 17 May, 2018).

...

*70. Lastly, the Court notes that in their judicial review of the expulsion decision, the domestic courts did not duly explain either the importance of preserving the confidentiality of the Agency's document in the particular circumstances of the applicant's case or the extent of the review they had carried out (see*

[3] 05.12.2023 (Applikazzjoni Nru. 8857/16).

*Regner, § § 158-60, and Ljatifi, § 40, both cited above). In other words, in the applicant's case the domestic courts seem to have failed to make use of the procedural mechanisms available to them under domestic law (see paragraphs 37 and 67 above), which could have given him an effective opportunity to submit reasons against his expulsion. Instead they confined themselves to a merely formalistic examination of the disputed decisions, thereby failing to subject the executive's assertion that the applicant posed a national security risk to any meaningful judicial scrutiny (see Ljatifi, cited above, § 40; Lupsa v. Romania, no. 10337/04. § 41, ECHR-2006-VII; and Kaya v. Romania, no. 33970/05 § 42, 12 October, 2006).*

*71. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that, having regard to the proceedings as a whole and taking account of the margin of appreciation afforded to States in national security matters, the limitation of the applicant's procedural rights in the proceedings concerning his expulsion were not counterbalanced in the domestic proceedings so as to preserve the very essence of those rights and protect him against arbitrariness."*

31. Fil-każ in eżami, il-Bord jidher li straħ biss fuq dak li xehdu ż-żewġ Superintendenti Louise Calleja u George Cremona, u partikolarment fuq ix-xhieda tas-Superintendent Cremona, li qal li kien għalih lill-appellant diġà dabbarlu rasu 'l barra. Opinjoni li però m'hija bbażata fuq l-ebda element fattwali rilevanti, u hawnhekk il-Qorti tqis li l-Bord kellu tal-anqas jitlob raġunijiet fattwali u mhux ġeneriċi għar-rakkomandazzjoni negattiva li saret fil-konfront tal-appellant. Il-fehma espressa mis-Superintendenti Louise Calleja u George Cremona, li l-appellant huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u/jew għall-politika pubblika, mhijiex raġuni li abbażi tagħha l-appellant seta' jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali tiegħu jew jitlob skrutinju ta' din id-deċiżjoni amministrattiva mill-awtoritajiet ġudizzjarji, għaliex kif jgħid tajjeb l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, sallum huwa għadu ma jafx għal liema raġuni huwa meqjus bħala theddida għas-sigurtà pubblika f'Malta, partikolarment meta ma jidher li ttieħdu l-ebda proċeduri kriminali jew mod

ieħor fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u sejra tilqgħu.

*It-Tielet Aggravju*

32. L-appellant jgħid li kien hemm fatturi oħrajn li kellhom jitqiesu mill-Bord, fosthom li huwa kien ilu Malta tmintax-il sena, u li huwa jħallas it-taxxa u għandu proprjetà f'Malta. Qal ukoll li jekk il-permess mitlub ma jingħatax, huwa ser ikun kostrett jiċċaħħad mill-familja tiegħu.

33. Il-Qorti diġà esprimiet ruħha li f'każ bħal dan, l-awtoritajiet tal-pajjiż kellhom obbligu li tal-anqas jagħtu dettalji bażiċi lill-appellant dwar ir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata. Fir-risposta tal-appellati ngħad li l-appellant jaf għal liema raġuni huwa meqjus li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika tal-pajjiż. Però sottomissjoni bħal din ma tistax titqies li tissodisfa l-ħtieġa li l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu informazzjoni imqar bażika lill-individwu li qiegħed jipprotesta kontra deċiżjoni li ser taffettwah għall-kumplament ta' ħajtu. Minkejja li l-Bord huwa fil-libertà li jmexxi l-proċeduri tiegħu, u liema provi għandu jqis li huma rilevanti fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, fil-każ in eżami kellu jqis li l-appellant ilu diversi snin jgħix f'Malta, ilu li applika għal dan il-permess numru ta' snin, u sallum m'hemm xejn li jipprova li huwa għandu jitqies li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika u/jew għall-politika pubblika, jew almenu l-allegazzjoni li saret fir-rigward bl-ebda mod ma ġiet sostanzjata. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u sejra tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dan l-appell billi tilqa’ l-aggravji kollha mressaq mill-appellant, u tħassar id-deċiżjoni appellata, u tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent wara li jieħu konsiderazzjoni ta’ din is-sentenza.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**